MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1429/1998/1

Kawza fil-lista: 29

**A mart B C, f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici 'ad litem' ta' uliedha minuri,**
**X, Y u Y**
**vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2010 u li tinsab inserita fil-process a fol.362 et seq. u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li, fuq punt procedurali, hassret u annullat l-imsemmija sentenza, stante li parti mill-provi, u senjatament ir-rapport

tal-Haddiema Socjali Josette Camilleri, ghalkemm kien gie esebit mill-attrici, ma kienx jinstab fil-process meta din il-Qorti tat is-sentenza taghha;

Rat kopja tal-imsemmi rapport, li allura giet esebita mar-rikors tal-Appell;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kapitlu16 tal-Ligijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-konvenut li min-naha tieghu baqa' kontumaci.

Illi in sostanza dan il-gudizzju huwa limitat ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza dwar l-ezistenza o meno tal-adulterju da parti tal-konvenut.

Illi din il-Qorti, wara li rega' rat l-atti, u fid-dawl tal-kontenut tal-imsemmi rapport hija tal-fehema li l-adulterju da parti tal-konvenut jirrizulta provat; kemm ghax dan kien gie ammess minnu fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2005 quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, kif ukoll ghax ir-relazzjoni adulteruza kienet giet mistqarra mill-habiba tieghu Sharlon Cuschieri lill-haddiema socjali, fl-imsemmi rapport.

Il-Qorti tosserva li fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2005 il-konvenut irregistra s-segwenti verbal: "Il-konvenut jindika li qed jghix go 'Dwejra' Triq ix-Xwieki, l-Iklin, u li ilu jghix f' dan il-post ma' Sharlon Cuschieri ghal dawn l-ahhar xahrejn."[2]

Illi fl-imsemmi rapport Sharlon Cuschieri stqarret mal-haddiema socjali li hi ghandha relazzjoni ma' B C, u li din ir-relazzjoni bdiet f' Lulju 2005.

---

[1] Vol.2 – fol.388 *et seq.*
[2] Vol.1 – fol.180

Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li minn dawn il-provi jirrizulta li, fil-mori tal-proceduri odjerni, u cioe' seba' snin wara li bdew l-istess proceduri, il-konvenut dahal f' relazzjoni adulteruza ma' Sharlon Cuschieri, liema fatt ghandu jwassal ex lege kontra l-istess konvenut ghas-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48[1] tal-Kapitlu 16.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti tosserva li dan l-adulterju, li sehh seba' snin wara li nfethu l-proceduri, ma kienx il-kawza primarja li wassal ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet; izda huwa fattur li kompla jirrendi l-ksur taz-zwieg tieghu mal-attrici rrimedjabbli.

Illi rigward il-pretensjoni attrici li din il-Qorti tassenjalha is-sehem tal-konvenut mid-dar matrimonjali, il-Qorti hi tal-fehema li din il-pretensjoni la hija legali u lanqas gusta fic-cirkostanzi, in vista tas-segwenti osservazzjonijiet:

[1] li l-fond de quo jappartjeni bil-ligi liz-zewg partijiet, u parti tista' titlef sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, biss skond it-termini tal-artikolu 48[1][c] tal-Kapitlu 16, <u>liema artikolu mhux applikabbli f' dan il-kaz</u>;

[2] li l-adulterju tal-konvenut sehh hafna zmien wara s-separazzjoni de facto, u zgur mhuwiex il-kawza primarja tas-separazzjoni;

[3] li din hija l-unika proprjeta' li ghandhom il-partijiet, li ghandha valur sostanzjali, u li tappartjeni lilhom b' mod ugwali; u ghalhekk ma jkunx gust li parti ma tithallhiex tibbenefika mis-sehem taghha f' din il-proprjeta'.

Ghaldaqstant, filwaqt li mas-sentenza annessa zzid li l-konvenut huwa wkoll hati ta' adulterju, u li japplika fil-konfront tieghu d-dispost ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kapitlu 16, taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet maghumla u l-konkluzjonijiet ragguni fl-istess sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba, limitatament, u kif stabbilit fis-sentenza annessa u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja;
[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens u kif stabbilit u ordnat fis-sentenza annessa, fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment;
[4] tilqa' ir-raba talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b' effett mill-1 ta' Lulju 1998, u tillikwidaha u tassenjaha fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjon ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti, fis-sentenza annessa; filwaqt li tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16;
[5] tilqa' l-hames talba limitatament, u fis-sens deciz fis-sezzjoni 'Komunjoni tal-Akkwisti' fis-sentenza annessa.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------